



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0250/2010**

14.9.2010

# RAPPORT

dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(13476/2010 – C7-0261/2010 – 2010/2120(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: László Surján

PR\_BUD\_DAB

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	6

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 7/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni  
(13476/2010 – C7-0261/2010 – 2010/2120(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, kif gié adottat finalment fis-17 ta' Diċembru 2009<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 7/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, li l-Kummissjoni ppreżentat fit-12 ta' Lulju 2010 (COM(2010)0383),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 7/2010, li l-Kunsill stabbilixxa fit-13 ta' Settembru 2010 (13476/2010 – C7-0261/2010 – 2010/2120(BUD)),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għall-Bagħits (A7-0250/2010),
- A. billi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 7/2010 tkopri l-modifikasi meħtieġa rigward il-ħolqien ta' partita baġitarja ġdida 01 04 01 03 għall-garanzija provduta mill-Unjoni Ewropea skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod korrispondenti, l-Artikolu 802 ġdid fuq in-naħħa tad-dħul,
- B. billi l-iskop tal-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 7/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formal fil-baġit tal-2010,
- C. billi l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-13 ta' Settembru 2010,

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 64, 12.3.2010.

<sup>3</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 7/2010;
2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 5/2010 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendantorju Nru x/2010 ġie adottat b'mod definitiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tippreżenta Abbozzi ta' baġits emendantorji jekk ikun hemm "ċirkostanzi li ma jistgħux ikunu evitati, eċċeżżjonali jew mhux mistennija".

Rigward il-punti differenti tal-Abbozz tal-Baġit Emendantorju Nru 7/2010 u l-pożizzjoni tal-Kunsill dwaru, ir-rapporteur għandu dawn il-kummenti x'jagħmel:

Dan il-Baġit emendantorju jmur lura għall-inizjattiva tal-Kumitat għall-Baġits u tal-president tiegħu li ssuġġerixxa li jittieħed vantaġġ minn baġit emendantorju biex tiddaħħal emenda li toħloq linja pro memoria għall-finanzjament tal-garanziji previsti fil-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja.

Sabiex wieħed jiftakar, l-EFSM inħoloq f'Mejju 2010 permezz ta' Regolament tal-Kunsill<sup>1</sup> adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) - mingħajr il-parteċipazzjoni tal-PE u jikkonsisti f'mekkaniżmu li jipprovdi l-possibilità li l-Unjoni tissellef fondi fis-suq tal-kapital biex issellef lil Stati Membri li jkunu jinsabu f'diffikultajiet finanzjarji. Il-baġit Ewropew għandu biss jintalab jintervjeni jekk ma jkunx hemm alternattiva oħra, fil-każ li l-Istat Membru li jkun se jibbenefika mis-self ma jkunx jista' jħallsu lura. Il-mekkaniżmu huwa limitat għal EUR 60 biljun.

Il-kumitat qabel li jintroduċi f'wieħed mill-baġits emendantorji li jmiss li għandu jiġi ppreżentat lill-PE.

Sadanittant, il-Kummissarju Lewandowski kkomunika l-ħsieb tiegħu li jippreżenta baġit emendantorju spċificu għal dan il-għan (ittra lill-president Lamassoure tal-21 ta' Ġunju 2010). Il-koordinaturi tal-Kumitat għall-Baġits qablu ma' dan l-approċċ.

L-Abbozz tal-Baġit Emendantorju (ABE) Nru 7 għas-sena 2010 jkopri l-ħolqien ta' partita baġitarja ġidida 01 04 01 03 għall-garanzija provduta mill-Unjoni Ewropea u, b'mod korrispondenti, l-Artikolu 802 ġdid fuq in-naħħa tad-dħul. Għalissa qed tiġi proposta pro memoria għall-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet kif ukoll għad-dħul. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tiproponi li tagħmel disponibbi l-approprjazzjonijiet meħtieġa permezz ta' trasferiment baġitarju jew baġit emendantorju.

Biex tingħata din l-ġħajnuna finanzjarja huwa ppjanat li l-Kummissjoni tissellef mis-swiegħ tal-kapital jew mingħand istituzzjonijiet finanzjarji fisem l-UE. Biex tonora l-obbligi tagħha f'każ li d-debituri ma jkunux ħallsu, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dħul. Għandu japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet. Sussegwentament, jista' jkun neċċesarju li l-operazzjoni tiġi bbaġitjata.

Ir-rimborżi wara inadempjenza inizjali jiġu trattati kif ġej:

---

<sup>1</sup> Nru. 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja, ĠU L 118 tat-12 ta' Mejju 2010, p. 1

Jekk l-avvanzi eċċeżjonali mitluba mill-Kummissjoni jkunu għadhom ma ġewx ibbaġitjati, dawn jiġu rritornati lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun. Inkella jiġu bbaġitjati f'artikolu ġdid tad-dħul, li konsegwentament inaqqas il-kontribuzzjonijiet sussegwenti għall-baġit tal-UE mill-Istati Membri.

Skont il-Kummissjoni, l-intervent tal-baġit Ewropew jibqa' biss wieħed ipotetiku; għalhekk tiddikjara li l-ABE 7/2010 m'għandu l-ebda konsegwenzi finanzjarji, xi ħaġa li naturalment tista' biss tkun vera għall-adattament tekniku li jikkonsisti fit-ħejji ja tal-istruttura baġitarja meħtieġa.

## **RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.9.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Estelle Grelier, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerben-Jan Gerbrandy, Roberto Gualtieri, Riikka Manner, Jan Olbrycht, Paul Rübig